# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 602

KAZ NRU. 821

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Borg Bartolo

u

Corinthia Palace Hotel
Company Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Dicembru 1994

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 5 ta' Jannar 1994 l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-Kwistjoni lit-Tribunal Industrijali, ghad-decizjoni tieghu dwar it-tmiem definittiv ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

FATTI

Illi din il-kwistjoni tax-xoghol hija nnovattiva fis-sens li ga kien hemm proceduri simili antecedentement li

pero' b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 29 ta' Jannar 1993 gie dikjarat null u rritu l-award tat-Tribunal moghti fit-28 ta' April 1988, Nru. 305 fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Joseph Borg Bartolo u Corinthia Group of Companies.

ARGUMENTI

Illi l-punti legali kif esposti mill-abili konsulent legali tal-partijiet, jinkwadraw posizzjoni totalment opposta ghal xulxin. L-appellant isostni li kienet biss formalita' li giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell ossia l-legittimu kontradittur illum huwa stabbilit u ghalhekk jista' il-kaz tal-appellant jiehu l-kors normali processwali tieghu.

Illi ghal kuntrarju, is-socjeta' appellata tissottometti li gie pprezentat quddiem dan it-Tribunal kaz gdid ghat-trattazzjoni tieghu. Inoltre, is-socjeta' appellata hija kontradittur totalment differenti minn dik li kontra tieghu l-istess appellant agixxa qabel u liema proceduri wasslu, ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-29 ta' Jannar 1993. Stante cio' allura, it-talba tal-appellant hija preskritta ghax ma gietx prezentata fit-termini kif rikjesti mill-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-prassi quddiem it-Tribunal Industrijali kienet minn dejjem wahda ta' certa pratticita u andament, ossia mhux wahda ta' regimentazzjoni ristretta bhala quddiem il-Qrati Ordinarji tal-gustizzja. Pero' ghandu jinghad ukoll li l-istess Tribunal ghandhom ikunu regolati li certi regolamenti sia ta' dritt u sia ta' procedura ghar-rigward tal-procedura di fatti, it-Tribunal jirregola l-procedura tieghu stess kif jigu trattati l-kwistjonijiet tax-Xoghol quddiemu. Jibqa pero' osservat li l'ligi qieghda hemm biex tigi osservata u ma jkunx hemm partenza minnha. Dana sabiex l-istess kwistjonijiet jigu decizi u jkun hemm temm obbligatorju taghhom dejjem skond il-ligi u skond xejn aktar.

Illi dan il-preambolu gie enuncjat in vista tal-'cirruculum' ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol. Illi l-appellant isostni li l-impjieg tieghu gie ingustament terminat fil-19 ta' Ottubru 1986 iva fis-sena 1986 u l-kaz tieghu ghadhu mhux deciz definittivament. X'gara? - fit-28 ta' April 1988, l-ewwel kaz tal-odjern appellant gie favorevolment deciz pero' l-istess 'award' giet dikjarata nulla b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-appell sad-29 ta' Jannar 1993. Li gara huwa li l-odjern appellant ottjena 'award' kontra entita' li ma kellhiex fondament legali - ma kienitx il-legittimu kontradittur. Di fatti l-odjerni proceduri gew istitwiti kontra min

suppost l-apellant agixxa originalment - il-kontro parti fiz-zewg kazijiet huma differenti!

Illi l-appellant jippretendi li dawn il-proceduri odjerni huma kontinwazzjoni ta' dawk inizjati fl-ewwel lok. Di fatti stante id-dikjarazzjoni ta nullita' tal-'award' il-kwistjoni tax-Xoghol ghadha mhix deciza u ghalhekk ippromuova dawn il-proceduri godda u dana fin-nuqqas ta' remissjoni tal-att lura lit-Tribunal Industrijali da parti tal-Onorabbli Qorti tal-appell.

Illi s-socjeta' ntimata, in vista tas-socjeta' appellata bhala entita legali differenti min dik li kienet soggetta ghall-ewwel 'award', issostni li dawn il-proceduri odjerni huma totalment indipendenti minn dawk originali promossi kontra l-Corinthia Group of Companies. Dawn ma jsegwux dawk originali - huma novita' u ghalhekk soggetti ghar-regoli normali, inkluz id-dispositiv tal-Art 28 tal-Kap 266 - ossia li t-talba ghandha ssir fi zmien erba' (4) xhur mit-tkeccija allegatament ngusta.

Illi t-Tribunal jirrileva li dan mhux kontestat - jirrizulta mill-atti li l-ittra mibghuta lil Onorevoli Ministru iggib id-data tal-15 ta' Dicembru 1993. Inoltre, huwa veru li l-'Award' giet moghtija kontra l-Corinthia Group of Companies daqskemm huwa veru li l-kawza kontra l-odjern appellant giet promossa kontra l-Corinthia Palace Hotel Company Ltd., l-odjerna socjeta' appellata. Giet ottenuta nullita' ta' 'award'. Ma gietx pero' ordinata l-ebda korrezzjoni tal-isem ta' xi parti fil-

proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali: Il-parti fl-ewwel proceduri tenuta tirrispondi hija totalment differenti minn dik tenuta fit-tieni proceduri.

Illi t-Tribunal japprezza l-posizzjoni li nstab fiha l-appellant pero' hawn jaghmel riferenza ghall-preambolu li beda bih. It-Tribunal huwa suggett ghal ligi stess li huwa ghandu jinterpreta u japplika sabiex jiddeciedi l-pendenzi quddiemu. Ma jistax jiddipartixxi minnhom - inkella ikun minghajr ebda regolamentazzjoni. Huwa dan li l-apppellant qed jippretendi min dan it-Tribunal. Ma jistax jippretendi li mhux jikser izda li ma jaghtix kaz tal-Ligi.

Illi t-Tribunal jirrileva li ghalkemm il-kaz Nru. 305 huwa identiku bhala dak in-ezami cioe' 821 fuq il-fatti il-parti kontradditrici hija differenti. Il-kaz 821 mhux ta' natura kontinwanti ghal dak numru 305. Di fatti, il-procedura kollha sabiex jigi sottomess lil dan it-Tribunal inbdiet mill-bidu net, skond kif jistipula l-Kap 266. Di fatti l-istess appellant ma ghamel l-ebda talba specjali, jekk din tista' issir ghal kontinwazzjoni tal-kaz tieghu originali bid-differenza tan-nomenklatura tal-persuna appellata. Sar kollox 'ex novo'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, in konkluzjoni vista tas-suesspost jilqa l-korrezzjoni tas-socjeta' appellata, jiddikjara li l-appellant ma rreferiex il-Kwistjoni tax-

Xoghol tieghu fi z-zmien preskritt mill-ligi, u b'hekk jichad it-talbiet tieghu.

Bhala drittijiet taxxabbli lil konsulent legali tal-partijiet, it-Tribunal anki in vista tan-novita' tal-kaz jistipula s-somma ta' Lm40.

Joseph Bonnici
CHAIRMAN

TRIBUNAL INDUSTRIJALI
MALTA

George Attard
SEGRETARJU

mrg